# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum it-Tnejn, 25 ta' Gunju, 2001**

**Appell Nru 66/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Kevin Gatt**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Kevin Gatt talli f'dawn il-Gzejjer fil-15 ta' Jannar, 1999 u fis-sitt xhur qabel din d-data: (**1**) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina bi ksur tal-ligi, (**2**) fl-istess data, lok u cirkostanzi, ipproduca, biegh, jew xort'ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis*, jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din r-raza, (**3**) talli f'dawn il-Gzejjer fil-15 ta' Jannar, 1999 u fis-sitt xhur qabel din d-data kellu fil-pussess tieghu medicina specifikata u psikotropika (ecstasy u LSD) bi ksur tal-ligi, (**4**) kif wkoll talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina bi ksur tal-ligi, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu personali tieghu, (**5**) talli f'dawn il-Gzejjer fil-15 ta' Jannar, 1999 u fis-sitt xhur qabel din d-data kellu fil-pussess tieghu il-pjanta *Cannabis*, kollha jew parti minnha, bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kap. 101, (**6**) talli fl-istess data, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din r-raza, u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap. 101; (**7**) talli f'dawn il-Gzejjer fis-sitt xhur qabel il-15 ta' Jannar, 1999, minghajr awtorita` legali jew minghajr skuza legittima jew ragjonevoli, xtara jew ircieva minghand xi persuna, jew kellu fil-kustodja jew pussess tieghu, biljetti ta' flus falsifikati li kien jaf li l-istess biljetti kienu falsifikati, u cioe` liri Maltin, u dan bi ksur tal-Artikolu 46 tal-Kap. 204, kif ukoll (**8**) talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati moghtija fid-29 ta' Jannar, 1997; l-ewwel qorti kienet mitluba li minbarra li tinfliggi l-piena skond il-ligi tordna l-konfiska tal-liri Maltin foloz kif ukoll tordna lill-imsemmi Gatt ihallas l-ispejjez peritali skond l-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-28 ta' Marzu, 2001, li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Kevin Gatt **mhux hati** skond it-**tielet** imputazzjoni u skond it-**tmien** imputazzjoni, u

lliberatu minnhom, izda **sabitu hati skond l-imputazzjonijiet l-ohra kollha** u, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 29 tal-Kap. 101, ikkundannatu "ghal piena karcerarja [**recte:** ta' prigunerija] ta' **sentejn u nofs**", mill-liema perjodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li huwa ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz; ikkundannatu wkoll **multa ta' elf lira (Lm1,000)**, konvertibbli f'mitejn jum prigunerija ohra f'kaz li din il-multa ma tithallasx; kif ukoll ikkundannatu jhallas l-ispejjez involuti fin-nomina tal-espert George Schiro **fl-ammont ta' ghoxrin lira (Lm20)** fi zmien gimgha minn meta jigi hekk imsejjah biex ihallas; fl-imsemmija sentenza l-ewwel qorti ordnat ukoll li d-droga ezibita tigi distrutta u ghal dana l-iskop innominat lill-Ispizjar Mario Mifsud sabiex jirtiraha mill-atti u jiddistruggiha, kif ukoll ordnat li l-ghaxar liri falza ezibita fl-atti tigi konfiskata u depozitata fil-Laboratorju tax-Xjenza Forensika bhala depozitu ta' flejjes foloz;

Rat ir-rikors ta' appell tal-imsemmi Kevin Gatt, minnu ppresentat fid-9 ta' April, 2001, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-31 ta' Mejju, 2001; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu zewg aggravji. L-ewwel aggravju hu fis-sens li l-ewwel qorti sabitu hati hazin fuq is-seba' imputazzjoni peress li l-ispjegazzjoni li huwa ta ta' kif giet fil-pussess tieghu l-ghaxar liri falza kienet "spjegazzjoni plawsibbli li tinkwadra fl-iskuza legittima jew ragonevoli menzjonata fl-Artikolu 46 tal-Kap. 204". It-tieni aggravju huwa dwar il-piena inflitta, li l-appellant jghid li "tmur oltre l-bilanc li l-ewwel Qorti donna li riedet tohloq meta tabilhaqq l-imputat huwa riformat integrat [**sic!**] fis-socjeta` u l-gravita` ta' l-akkuzi".

Wara li din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-atti kollha tal-kawza, m'ghandhiex ezitazzjoni li tikwalifika dana l-appell bhala wiehed li jirrazenta l-fieragh. Kwantu ghall-ewwel aggravju, l-Artikolu 46 ta' l-Att dwar il-Bank Centrali ta' Malta (Kap. 204) jiddisponi li kull min "minghajr awtorita` legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli (liema prova tkun fuq l-akkuzat)" ikollu, fost affarijiet ohra, fil-pussess tieghu biljett ta' flus li jkun jaf li hu falsifikat, ikun hati ta' reat u jehel il-piena stabbilita fl-istess artikolu. Anke li kieku wiehed kellu jaccetta bhala fatt dak li l-appellant qal fl-istqarrija tieghu lill-pulizja (fol. 32), u cioe` li l-karta tal-ghaxar liri falsifikata (li nstabet fil-*compact disk player* fil-kcina) kienet inghatat lilu bhala bqija, il-fatt l-iehor li huwa zamm ghandu din il-karta ghal kwazi gimgha minghajr ma ha passi immedjati biex jehles minnha (fis-sens li jiddistruggiha) jew altrimenti jikkonsenjaha lil xi awtorita` igib bhala konsegwenza li hu ma jistax jinvoka l-iskuza "legittima jew ragonevoli" skond id-disposizzjoni msemmija. Kien ikun differenti l-kaz li kieku hu kien jaf min tahielu, u kien qed jistenna sakemm jerga' jiltaqa' mieghu biex jinsisti ghal bqija f'valuta mhux falsifikata. Pero` dan mhux il-kaz; anzi kollox jindika li l-appellant kien sejjer imur idur l-istabbilimenti

fejn allegatament kien is-Sibt ta' qabel biex jipprova jirrecikla dik il-karta. Il-parti relevanti tal-istqarrija taqra hekk:

"M. Fil-kcina tieghek instabet ukoll karta ta' l-ghaxar liri Maltin falza, bin-numru C/2 721970, din minfejn gibtha?
T. Dik sibtha fuqi fil-but, wara s-Sibt li ghadda kif qomt. Nahseb li kienet bqija.
M. Ghaddiet gimgha, ghalfejn ma ghamiltx rapport lill-pulizija jew hadtha l-bank?
T. Bi traskuragni, kont bi hsiebni mmur l-ghassa biha. Propja jien kont bil-hsieb li mmur il-postijiet tal-Places, BarFunk, u l-Havana, ghax hemmhekk mort is-Sibt li ghadda."

Din is-silta mill-istqarrija tal-appellant giet ukoll riprodotta fis-sentenza ta' l-ewwel qorti, li waslet ghall-konkluzzjoni – konkluzzjoni li fil-fehma ta' din il-Qorti kienet korretta – li ma jistax jinghad li l-appellant ipprova li kellu "skuza legittima jew ragonevoli" ghall-pussess ta' dak il-biljett falsifikat fil-hin meta nstab ghandu. Ghalhekk dana l-ewwel aggravju qed jigi respint.

Kwantu ghall-piena inflitta mill-ewwel qorti, l-unika haga li din il-Qorti tista` tghid dwarha hu li, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, kienet piena miti hafna. Certament l-appellant f'dan ir-rigward ma ghandux minn x'hiex jilmenta. L-unika haga li din il-Qorti ser tbiddel hi l-mitejn jum prigunerija fil-kaz li ma tithallsx il-multa ta' elf lira (ghalkemm fuq dana l-punt lanqas hemm aggravju specifiku da parti ta' l-appellant). L-ewwel qorti, evidentement bi zvista, injorat is-*ceilings* stabbiliti fil-proviso tas-subartikolu (3) tal-Artikolu 11 tal-Kodici Kriminali. Multa ta' elf lira ma tistax tigi konvertita f'aktar minn tlett xhur prigunerija.

Ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha biss f'dik il-parti fejn ordnat li jekk il-multa ta' elf lira ma tithallasx din tigi konvertita "f'mitejn jum addizzjonali prigunerija", u minflok tordna li jekk l-imsemmija multa ma tithallasx din tigi konvertita fi tlett xhur addizzjonali ta' prigunerija; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur